RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa A 11**
* **Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu\` iltaqa\` nhar** Data u ħin
**Il-Ġimgha 24 ta' Gunju 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

1.00 **Qari u Korrezzjoni tal-Minuti A10**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 10 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Is-Sna. Cecila Bonello issekondat din il-proposta. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Qari u Korrezzjoni tal-Minuti A10

2.00 **Approvazzjoni tal-Minuti A10**

2.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti jigu approvati. Issekondat din il-proposta s-Sna. Cecilia Bonello. Approvazzjoni tal-Minuti A10

3.00 **Punti Mqajma**

3.01 Ma kien hemm l-ebda punt imqajjem.

4.00 **Zvilupp fil-progett tad-dahla**

4.01 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgha li hemm tlett arbli tat-dawl fuq il- Zvilupp fil-Progett tad-Dahla


KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

bankina li ser tigi zviluppata. Huwa qal li l-KA diga nforma lill-Korporazzjoni Enemalta fejn tlabnihom li dawn jinqalghu minn fejn huma u jigu 'shifted' ghan-naha l-ohra tat-triq peress li l-bankina ta' faccata m'hijiex iffrekwentata minn nies. S'issa ghadna ma rcevejna l-ebda risposta minn naha taghhom.

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Is-Sur Lino Pace Bonello talab li item numru 6 jigi diskuss qabel item numru 5 fejn stieden lis-Sur Paul Cilia jaghti spega ta' l-abbozz ta' l-istemma tieghu. Huwa nforma l-laqgha li stieden lis-Sur Peter Paul Ciantar ukoll pero ma setghax jattendi. Ghaldaqstant il-laqgha giet sospiza fis-7.00 p.m.

** Il-laqgha tkompliet fis-7.20 p.m.

**6.00 Approvazzjoni ta' stemma ghal-lokal**

6.01 Wara li saret evalwazzjoni ta' l-istemmi kollha li rcieva l-Kumitat Amministrattiv, is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li tintghazel l-istemma ta' l-artist Joe Sultana li qed tissimbolizza l-Kappella tal-Virtu. Issekonda din il-proposta l-Profs. Anthony Grixti Soler. Il-KA qabel Nem. Con. *Approvazzjoni ta' stemma ghal-lokal*

6.02 Is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li jinghata apprezzament lill-persuni li pprezentaw l-abbozzi taghhom. Ghaldaqstant huwa ppropona li s-Sinjuri Peter Paul Ciantar, Paul Cilia, Joseph Sultana u Sna. Mari Waldron jigu mistiedna ghall-inawgurazzjoni ta' l-istemma u jinghataw 'lapel pin' . Il-Kumitat qabel.

6.03 Is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li meta dan l-abbozz jigi approvat, din l-istemma tigi ppubblikata fil-fuljett tal-Kunsill. Il-Kumitat qabel.

6.04 Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li t-tifsira u l-isfond ta' l-ghazla ta' din l-istemma ghandu jissemma fuq Radju Marija. Il-Kumitat qabel.

**5.00 Progetti u Inizjattivi Godda (Memo 55/2011)**

5.01 Is-Sur Lino Pace Bonello nforma l-laqgha li l-gvern hareg skema ohra lill-Kumitati Amministrattivi, fejn stedinhom jissottomettu progett li ma jaqbizx l-€20,000. Dan il-progett irid jigi sottomess sad-29 ta' Lulju 2011. *Progetti u Inizjattivi Godda*

5.02 Is-Sur Pace Bonello qal li wahda mill-proposti tieghu hi li ssir it-triq li minn hdejn is-Seminarju taghti ghas-Siggiewi. Huwa qal li din it-triq tinsab fi stat dizastruz, fiha hafna hitan tas-sejjiegh imwaqqghin u allura qed jostakolaw it-triq. Il-bdiewa avvicinawh, fejn stqarru li din it-triq juzawha hafna. Is-Sur Christopher Farrugia jhoss li din it-triq ghandha ssir mill-MEPA. Il-Profs. Grixti Soler qal li din tigi tiswa hafna aktar minn €20,000 biex tissewwa.

5.03 Is-Sur Pace Bonello qal li proposta ohra tista tkun dik li jitnehhew tunnellati ta' skart mixhut fuq kull naha tat-triq minn hdejn is-Seminarju sal-Kastell tal-Virtu. Huwa qal li f'din l-area hemm razzett delapitat li qed jaghti dehra ta' telqa.

5.04 Is-Sna. Cecilia Bonello qalet li peress li ser naghmlu l-progett tad-Dahla, jkun aktar opportun jekk inkomplu l-bankina li tmiss ma' Buskett Road sabiex ikun jidher bhala progett wiehed. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-proposta ghaddiet Nem. Con.

5.05 Il-Profs. Grixti Soleri qal li filwaqt li jixtieq li jsiru s-CCTVs, jaqbel li ghandha titkompla l-bankina ta' ma' Buskett Road.

5.06 Is-Sur Christopher Farrugia qal li jekk it-tkomplija tal-bankina li tmiss ma' Buskett Road ma tigiex tiswa €20,000, jipproponi li titkompla l-bankina ta' Triq Pietru Caxaru.

**7.00 Skema ta' Parkegg fit-toroq tal-lokalita`**

7.01 Is-Sur Lino Pace Bonello nforma l-laqgha li l-parking bays li saru fi Triq Carlo Fiamingo ma kienx jaf li kellhom isiru. Huwa hass ruhu urtat b'dan il-fatt, tkellem mas-Sindku fejn skuza ruhu talli nesa jinfurmah. Is-Sindku qallu li hija 'national policy' li jsiru u li l-KA ma jistghax iwaqqafha.

Skema ta' parkegg fit-toroq tal-lokalita

7.02 Is-Sur Christopher Farrugia qal li anke man-naha tan-Nunzjatura saru double yellow lines li fil-fehma tieghu huma twal wisq. Is-Sur Pace Bonello qallu li ccekkja mas-Sindku u qallu li dawn saru minn naha ta' TM.

7.03 Il-Profs. Grixti Soler sahaq li jrid ikun hemm ippjanar sew fuq il-parking bays. Importanti wkoll li jsiru double yellow lines fil-kantunieri, kif ukoll napplikaw

sabiex isiru 'traffic calming measures' sabiex tigi salvagwardjatha sahhet ir-residenti. Huwa kompla li dan l-ezercizzju ghandu jsir wara li tidhol fis-sehh is-

sistema l-gdida tat-trasport pubbliku, kif ukoll wara li tiftah l-iskola tas-Seminarju f'Settembru.

7.04 Is-Sur Christopher Farrugia sahaq li f'dan l-istadju, ghandhom jittiehdu testijiet ta' l-arja issa li l-iskola tinsab maghluqa bil-vaganzi tas-sajf. Dawn ghandhom jibqghu isiru fuq perjodu taz-zmien sabiex naraw kif biz-zieda tat-traffiku l-arja se tigi affettwata.

7.05 Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li ghandu jsir 'traffic management study' tal-area kollha. Il-Kumitat qabel.

**8.00 Affarijiet Ohra**

8.01 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgha li l-KA kiteb lill-MEPA dwar is-sigar li jinsabu fil-bankina fi Triq Guzeppi Caruana, fejn gejna nfurmati li trid timtela applikazzjoni sabiex dawn is-sigar ikunu jistghu jinqalghu. Ghaldaqstant huwa ppropona li ghandna napplikaw mal-MEPA. Il-Kumitat qabel. *Qlugh ta' sigar fi Triq Guzeppi Caruana*

8.02 Is-Sna. Cecilia Bonnello qalet li hemm xi sigar f'zewg residenzi privati fi Triq Robert Samut li ghamlu hsara fuq wicc il-bankina. Il-Kumitat qabel li dawn ir-residenti ghandhom jigu avvicinati sabiex tigi irrimedjata din il-hsara. *Sigar fi Triq Robert Samut*

8.03 Is-Sur Pace Bonello nforma l-laqgha li ltaqa` on-site mal-perit tal-Government Property Division, dwar il-hajt fi Triq Godwin Ganado. Il-perit issuggerixxa li dan il-hajt ghandu jsir ftit imxaqleb lejn l-ghelieqi. Is-Sur Pace Bonello qallu li t-tendenza hi li l-hajt jibqa jwaqqa l-gebel u allura ssuggerixxa li jsir *netting* mieghu sabiex il-bicciet ta' hajt li jibqghu jaqghu matul iz-zmien, jibqghu wara n-net. Il-Kumitat qabel. *Hajt fi Triq Godwin Ganado*

8.04 Is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-bring-in-sites li jinsabu fi Triq il-Buskett jitnehhew minn fejn huma peress li qed jigu abbuzati. Huwa ssuggerixxa li dawn jitpoggew bi prova fi Triq Godwin Ganado. Il-Kumitat qabel. *Bring in Sites fi Triq il-Buskett*

8.05 Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li jsiru zewg *dog bins* fi Triq Godwin *Dog Bins*

Ganado, tnejn ohra fi Triq il-Buskett u wahda mar-'roundabout' li tghaqqad lil Triq Francesco Azopardi ma' Triq Carlo Fiamingo. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmatu li bhalissa l-Kunsill m'ghandu l-ebda kuntratt ta' dan it-tip, pero ser tohrog tender fix-xhur li gejjien.

8.06 Is-Sur Lino Pace Bonello kkummenta dwar il-fatt li l-'litter bins' li hemm fuq il-belvedere huma zghar wisq. Bhal ma kullhadd jaf, hafna nies jiehdu gost ipoggu fuq dawn il-bankijiet jieklu xi pizza u l-kaxxi tal-pizza huma kbar wisq biex jintremew f'dawn il-bins u allura jispiccaw jintremew fl-ghelieqi ta' quddiem il-belvedere jew inkellha jithallew fl-art. Ghaldaqstant huwa ppropona li dawn il-bins jinqalghu u jitpoggew ohrajn ikbar minnflokhom. Il-Kumitat qabel. — Bdil ta' bins - Belvedere

8.07 Is-Sur Lino Pace Bonello nforma l-laqgha li t-tlett tappieri tad-drenagg li nqalghu fi Triq Franceso Azopardi humma mmarkati sabiex jittrangaw mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma. — Tappieri tad-drenagg fi Triq F. Azoprdi

8.08 Is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li meta jsir il-progett tad-Dahla, napplikaw ghal 'speed limit' fi Triq il-Buskett. Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li din issir parti mit-'traffic management plan'. — Traffic Management – Triq il-Buskett

8.09 Is-Sna. Cecilia Bonello kkummentat dwar l-istorbju tal-muzika ta' Gianpula u n-Numero Uno. — 'Noise Pollution'

8.10 Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgha li r-residenti qed igergru fuq l-istorbju li gej mill-Kastell tal-Virtu. — Kastell tal-Virtu

8.11 Is-Sna. Cecilia Bonello qalet li minn informazzjoni li ghandha, dan il-Kastell huwa bbukkjat bit-tigijiet sat-2013.

8.12 Il-Profs. Grixti Soleri talab li l-Kunsill jiccekkja jekk dan il-Kastell ghandux permess ta' 'Wedding Hall'. Il-Kumitat qabel.

8.13 Is-Sna. Cecilia Bonello qalet li Villa Serena fi Triq Robert Samut hemm xi sigar li ghandhom bzonn jinzabru peress li qed jostakolaw il-bankina. — Sigar fi Triq Robert Samut

**9.00 Aggornament**

9.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 29 ta' Lulju 2011. Aggornament

9.02 Il-laqgha ntemmet fid-9.30 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

f **Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**